

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/640**tat-23 ta' April 2015****dwar l-ispeċifikazzjonijiet addizzjonali tal-ajrunavigabbiltà għal tip partikolari ta' operazzjonijiet u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 965/2012**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(5)(e)(vi) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008, il-Kummissjoni, megħjuna mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") trid tadotta r-regoli ta' implimentazzjoni neċessarji għar-rekwiżiti komuni tal-ajrunavigabbiltà fl-Unjoni kollha.
- (2) Dawk ir-rekwiżiti, li jkopru ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-prodotti ajrunawtiċi, jinkludu l-ispeċifikazzjonijiet addizzjonali tal-ajrunavigabbiltà għal tip partikolari ta' operazzjoni biex jiġu implimentati wara l-ewwel ħruġ ta' ċertifikat tat-tip fl-interess tas-sikurezza.
- (3) Ir-rekwiżiti tekniċi tal-JAR-26 "Ir-Rekwiżiti Addizzjonali tal-Ajrunavigabbiltà għal Operazzjonijiet", maħruġa mill-Awtoritajiet Konġunti tal-Avjazzjoni (JAA) fit-13 ta' Lulju 1998, kif emendat bl-Emenda 3 tal-1 ta' Diċembru 2005, għandhom ikunu stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni, għaliex il-JAA ma baqgħetx teżisti fit-30 ta' Ġunju 2009 u fl-20 ta' Frar 2008 l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, ġie estiż biex jinkludi operazzjonijiet.
- (4) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza u biex jiġu ċċarati l-obbligi relatati mal-ajrunavigabbiltà, għandha tiddaħħal referenza għal dan ir-Regolament fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 ⁽²⁾.
- (5) Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel u biex jiġi evitat taqlib għandhom jiġu pprovduti miżuri tranżitorji xierqa.
- (6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-opinjoni maħruġa mill-Aġenzija skont l-Artikoli 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
- (7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni stabbilit bl-Artikolu 65 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Kamp ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet komuni addizzjonali tal-ajrunavigabbiltà sabiex isostnu l-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà u t-titjib fis-sikurezza ta':

- (a) inġenji tal-ajru rreġistrati fi Stat Membru;
- (b) inġenji tal-ajru rreġistrati f'pajjiż terz u użati minn operatur li għalih Stat Membru jiżgura s-sorveljanza.

⁽¹⁾ ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1).

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament,

- (a) "il-konfigurazzjoni operazzjonali massima ta' sits tal-passiġġieri (MOPSC)" tfisser il-kapaċità massima ta' sits tal-passiġġieri ta' inġenju tal-ajru partikolari, minbarra s-sits tal-ekwipaġġ, stabbilita għal skopijiet operazzjonali u speċifikata fil-manwal tal-operat.
- (b) "ajruplan kbir" tfisser ajruplan li jkollu l-ispeċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni għal ajruplani kbar "CS- 25" jew ekwivalenti fil-bażi taċ-Ċertifikazzjoni tiegħu.

Artikolu 3

L-ispeċifikazzjonijiet addizzjonali tal-ajrunavigabbiltà għal tip partikolari ta' operazzjoni

L-operaturi li għalihom Stat Membru jiżgura s-sorveljanzatagħhom, meta joperaw l-inġenji tal-ajru msemmija fl-Artikolu 1, għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Anness I.

Artikolu 4

Emenda għar-Regolament (UE) Nru 965/2012

L-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 965/2012 huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament, sabiex jinkludi referenza għal dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Dispożizzjonijiet tranżitorji

Inġenji tal-ajru li għalihom l-operaturi wrew lill-awtorità kompetenti tagħhom il-konformità mal-JAR-26 "Ir-Rekwiżiti Addizzjonali tal-Ajrunavigabbiltà għal Operazzjonijiet" (minn hawn' il quddiem "Rekwiżiti tal-JAR-26"), maħruġa mill-Awtoritajiet Konġunti tal-Avjazzjoni fit-13 ta' Lulju 1998, kif emendat bl-Emenda 3 tal-1 ta' Diċembru 2005, qabel id-dati ta' applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 6, għandhom jitqiesu li jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet ekwivalenti stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Inġenji tal-ajru li għalihom intweriet il-konformità mar-rekwiżiti tal-JAR-26 ekwivalenti għall-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fil-punti 26.50, 26.105, 26.110, 26.120, 26.150, 26.155, 26.160, 26.200, 26.250 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament skont l-ewwel subparagrafu, sussegwentement ma għandhomx jiġu mmodifikati b'mod li jista' jaffettwa l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti tal-JAR-26 konċernati.

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-14 ta' Mejju 2015

Madankollu, il-punti 26.50, 26.105, 26.110, 26.120, 26.150, 26.155, 26.160, 26.200 u 26.250 tal-Anness I għandhom japplikaw mill-14 ta' Mejju 2017.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' April 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX I

PARTI-26

SPEĊIFIKAZZJONIJIET ADDIZZJONALI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ GĦALL-OPERAZZJONIJIET

WERREJ

SUBPARTI A — DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

- 26.10 Awtorità kompetenti
- 26.20 Tagħmir temporanjament mhux operattiv
- 26.30 Dimostrazzjoni ta' konformità

SUBPARTI B — AJRUPLANI KBAR

- 26.50 Is-sitijiet, il-kuċetti, iċ-ċintorini tas-sikurezza, u ċ-ċineġ
- 26.100 Il-lok tal-ħruġ tal-emerġenza
- 26.105 Aċċess għall-ħruġ tal-emerġenza
- 26.110 Sinjali tal-ħruġ tal-emerġenza
- 26.120 Dawl tal-emerġenza intern u tħaddim tad-dawl tal-emerġenza
- 26.150 L-arredamenti interni tal-kompartiment
- 26.155 Il-fjammabbiltà tal-inforri tal-istiva tal-merkanzija
- 26.160 Protezzjoni kontra n-nar fit-tojlits
- 26.200 Ħoss ta' twissija fit-tagħmir għall-inżul
- 26.250 Sistemi tat-tħaddim tal-bibien tal-kompartiment tal-ekwipaġġ tat-titjira — inkapaċità singola

SUBPARTI A

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

26.10 Awtorità kompetenti

Għall-fini tal-Parti stabbilita f'dan l-Anness, l-awtorità kompetenti, li lilha l-operaturi għandhom juru l-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet, għandha tkun l-awtorità maħtura mill-Istat Membru li fih l-operatur għandu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu.

26.20 Tagħmir temporanjament mhux operattiv

L-ebda titjira ma għandha tinbeda jekk xi strumenti tal-inġenju tal-ajru, xi oġġetti tat-tagħmir jew xi funzjonijiet meħtieġa minn din il-Parti mhumiex operattivi jew huma nieqsa sakemm mhumiex eżentati mil-Lista ta' Tagħmir Minimu tal-operatur kif definit fil-Parti-ORO.MLR.105 u approvati mill-awtorità kompetenti.

26.30 Dimostrazzjoni ta' konformità

- (a) L-Aġenzija għandha toħroġ, f'konformità mal-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, l-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni bħala mezz standard biex tintwera l-konformità tal-prodotti ma' din il-Parti. L-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni għandhom ikunu dettaljati u speċifiċi biżżejjed li jindikaw lill-operaturi l-kundizzjonijiet li skonthom il-konformità mar-rekwiżiti ta' din il-Parti tista' tintwera.
- (b) L-operaturi jistgħu juru l-konformità mar-rekwiżiti ta' din il-Parti billi jikkonformaw ma':
 - (i) l-ispeċifikazzjonijiet dettaljati maħruġa mill-Aġenzija skont il-paragrafu (a) jew l-ispeċifikazzjonijiet ekwivalenti maħruġa mill-Aġenzija skont il-Parti 21.A.16 A; jew
 - (ii) l-istandards tekniċi li joffru livell ekwivalenti ta' sikurezza bħal dawk inklużi f'dawk l-ispeċifikazzjonijiet.

SUBPARTI B

AJRUPLANI KBAR**26.50 Is-sitijiet, il-kuċetti, iċ-ċintorini tas-sikurezza, u ċ-ċineġ**

L-operaturi tal-ajruplani kbar użati fit-trasport kummerċjali bl-ajru, bit-tip ċertifikat fl-1 ta' Jannar 1958 jew wara, għandhom jiżguraw li kull sit tal-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira jew tal-kabina u s-sistema ta' trażżin huma konfigurati biex jipprovdi livell ottimu ta' protezzjoni f'inżul ta' emerġenza waqt li jippermettu l-funzjonijiet meħtieġa tal-okkupant u jiffaċilitaw il-ħruġ rapidu.

26.100 Il-lok tal-ħruġ tal-emerġenza

Ħlief għall-ajruplani li jkollhom konfigurazzjoni ta' ħruġ ta' emerġenza installata u approvata qabel l-1 ta' April 1999, l-operaturi tal-ajruplani kbar użati fit-trasport kummerċjali bl-ajru b'konfigurazzjoni massima operattiva tas-sits tal-passiġġieri ta' aktar minn 19 b'punt wieħed ta' ħruġ ta' emerġenza jew aktar diżattivat(i), għandhom jiżguraw li d-distanza(i) bejn il-bqija tal-punti ta' ħruġ jibqgħu kompatibbli ma' evakwazzjoni effettiva.

26.105 Aċċess għall-ħruġ tal-emerġenza

L-operaturi tal-ajruplani kbar użati fit-trasport kummerċjali bl-ajru għandhom jipprovdu l-mezzi li jiffaċilitaw il-moviment rapidu u faċli ta' kull passiġġier mis-sit tiegħu għal kull ħruġ ta' emerġenza f'każ ta' evakwazzjoni ta' emerġenza.

26.110 Sinjali tal-ħruġ tal-emerġenza

L-operaturi tal-ajruplani kbar użati fit-trasport kummerċjali bl-ajru għandhom jikkonformaw ma' dawn li ġejjin:

- (a) għandhom jiġu pprovduti mezzi li jiffaċilitaw il-lok, l-aċċess, u l-operazzjoni tal-ħruġ tal-emerġenza mill-okkupanti tal-kabina tal-passiġġieri f'kundizzjonijiet prevedibbli fil-kabina f'każ ta' evakwazzjoni ta' emerġenza;
- (b) għandhom jiġu pprovduti mezzi li jiffaċilitaw il-lok u t-tħaddim tal-ħruġ tal-emerġenza minn persunal fuq barra tal-ajruplan f'każ ta' evakwazzjoni ta' emerġenza.

26.120 Dawl tal-emerġenza intern u tħaddim tad-dawl tal-emerġenza

L-operaturi tal-ajruplani kbar użati fit-trasport kummerċjali bl-ajru għandhom jipprovdi l-mezzi li jiżguraw li hemm sinjali ta' ħruġ imdawlin, li l-kabina ġenerali u l-erja tal-ħruġ imdawlin, u li l-kuritur tal-ħruġ tal-livell baxx imdawwal biex jiffaċilita l-lok tal-ħruġ u l-moviment tal-passiġġieri għall-ħruġ f'każ ta' evakwazzjoni ta' emerġenza.

26.150 L-arredamenti interni tal-kompartiment

L-operaturi tal-ajruplani kbar użati fit-trasport kummerċjali bl-ajru għandhom jikkonformaw ma' dawn li ġejjin:

- (a) il-materjali u t-tagħmir kollha użati fil-kompartimenti okkupati mill-ekwipaġġ jew mill-passiġġieri għandhom juru karatteristiċi ta' fjamabbiltà li huma kompatibbli ma' dawk li jimminimizzaw l-effetti ta' nirien waqt it-titjira u ż-żamma ta' kundizzjonijiet ta' sopravvivenza fil-kabina għal żmien suffiċjenti meħtieġ f'evakwazzjoni mill-inġenji tal-ajru;
- (b) il-projbizzjoni tat-tipjip għandha tkun indikata b'plakards;
- (c) ir-riċipjenti tal-iskart għandhom ikunu kapaċi jiżguraw it-tifi ta' nirien interni; fuq tali riċipjenti għandu jkun hemm immarkat il-projbizzjoni tar-rimi ta' materjali li jdaħħnu.

26.155 Il-fjamabbiltà tal-inforri tal-istiva tal-merkanzija

L-operaturi tal-ajruplani kbar użati fit-trasport kummerċjali bl-ajru, bit-tip ċertifikat wara l-1 ta' Jannar 1958, għandhom jiżguraw li l-inforri tal-istivi tal-merkanzija tal-Klassi C jew tal-Klassi D inbnew minn materjali li jevitaw b'mod adegwat li l-effetti ta' nar fl-istiva jpoġġi fil-periklu l-ajruplan jew l-okkupanti tiegħu.

26.160 Protezzjoni kontra n-nar fit-tojlits

L-operaturi ta' ajruplani kbar użati fit-trasport kummerċjali bl-ajru b'konfigurazzjoni massima operazzjonali tas-sits tal-passiġġieri ta' iktar minn 19 għandhom jikkonformaw ma' dawn li ġejjin:

It-tojlits għandhom ikunu mġhammra:

- (a) b'mezzi ta' ditezzjoni tad-duħħan;
- (b) b'mezzi li awtomatikament jitfu n-nar li jseħħ f'kull reċipjent tal-iskart.

26.200 Ħoss ta' twissija fit-tagħmir għall-inżul

L-operaturi ta' ajruplani kbar użati fit-trasport kummerċjali bl-ajru għandhom jiżguraw li jiġi installat apparat xieraq ta' ħoss ta' twissija fit-tagħmir tal-inżul biex titnaqqas b'mod sinifikanti l-probabbiltà ta' nżul jekk it-tagħmir tal-inżul jitreġġa lura bi żball.

26.250 Sistemi tat-tħaddim tal-bibien tal-kompartiment tal-ekwipaġġ tat-titjira — inkapaċità singola

L-operaturi ta' ajruplani kbar użati fit-trasport kummerċjali bl-ajru għandhom jiżguraw li s-sistemi tat-tħaddim tal-bibien tal-kompartiment tal-ekwipaġġ tat-titjira, fejn huma installati, jitwahhluhom mezz tal-ftuħ alternattiv sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess mill-membri tal-ekwipaġġ tal-kabina għall-kompartiment tal-ekwipaġġ tat-titjira f'każ ta' inkapaċità singola tal-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira.

ANNEX II

Fl-Anness III (il-Parti-ORO) tar-Regolament (UE) Nru 965/2012, il-punt ORO.AOC.100, is-subparagrafu (c)(1) jinbidel b'dan li ġej:

“(1) dawn jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha tal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, ta' dan l-Anness (il-Parti-ORO), tal-Anness IV (il-Parti-CAT) u tal-Anness V (il-Parti-SPA) ta' dan ir-Regolament u l-Anness I (il-Parti 26) tar-Regolament (UE) 2015/640 (*);

(*) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/640 tat-23 ta' April 2015 dwar l-ispeċifikazzjonijiet addizzjonali tal-ajrunavigabbiltà għal tip partikolari ta' operazzjonijiet u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 965/2012 (ĠU L 106, 24.4.2015, p. 18)”.
